# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 1976

KAZ 2643/GBC

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

James Pawley

u

W & M Zammit Tabona Ltd.

dwar tkeccija mill-impieg
allegata li hi ngusta.

Data : 30 ta' Novembru 2009.

Chairman : George Borg Cardona

Dan il-Kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali b'Nota prezentata fir-Registru tal-Qorti fl-10 ta' Dicembru 2008.

It-Tribunal zamm 4 seduti.

James Pawley, aktar il-quddiem jissejah l-"appellant", kien asistit mill-Avukat Anglu Farrrugia u W & M Zammit Tabona Ltd., aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Damien Sant Fournier assistit mill-Avukati Maria Azzopardi u Ron Galea Cavallazzi.

Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz l-appellant qal li t-terminazzjoni ta' l-impieg tieghu ma kienetx gustifikata ghaliex ghalkemm il-Kumpanija qalet li kien *redundant* dahhlet studenti fil-kcina fejn kien jahdem hu kif wkoll dahhlu fix-xoghol tieghu bhala *patissier* persuna li kien ilha ghaxar xhur ma tidhol ghax-xoghol minhabba mard u tefghuh jaghmel xoghol ta' *pastry cook* minfloku.

Minn naha taghha il-Kumpanija qalet li t-terminazzjoni ta' l-impieg saret ghaliex kellha sitwazzjoni genwina ta' *redundancy*. Minhabba nuqqas ta' turisti u riduzzjoni fl-okkupanza tal-Lukanda kellha necessarjament tnaqqas in-numru ta' mpjegati b'sitta, fosthom l-appellant. Manwel Calleja, l-persuna li l-appellant allega li tpogga fix-xoghol ta' *pastry* minfloku, kien ilu impjegat ferm qablu sa minn Frar 1996.
Fit-trattazzjoni l-appellant ikkontenda li gie mpjegat f'Settembru 2007 bhala *chef patissier* fejn xoghol tal-helu ried jaghmlu hu biss u ghalhekk il-Kumpanija ma kelliex tpoggi mpjegat iehor li ma kellu x'jaqsam xejn ma dan ix-xoghol minfloku u tkecci lilu. Ma kienx fil-kcina izda fis-*section* tal-helu u allura ma kienx kaz ta' *redundancy*.

Il-Kumpanija qalet li Manwel Calleja kien gie mpjegat fl-1996 biex jaghmel il-helu u dam jaghmel dan ix-xoghol ghal madwar erba' jew hames snin. Wara dan beda jaghmel ir-rwol ta' *Chef Tournier* li jdur il-kcina u r-*restaurants* u jara x'hemm bzonn isir fosthom li jekk ikun hemm il-htiega jaghmel il-helu. L-appellant kien accetta in-*notice money* u hlasijiet ohra li normalment isiru meta terminazzjoni ssir ghal raguni ta'*redundancy.*

Mix-xhieda u mid-dokumenti gie stabbilit li :

- l-*occupancy* tal-lukanda kienet nizlet ghal 37 fil-mija u kien hemm il-htiega li jitnaqqsu l-impjegati;
- fil-fatt gie terminat l-impieg ta' sitt haddiema fosthom l-appellant;
- Manwel Calleja gie impjegat hafna qabel l-appellant;
- l-istudent li rrefera ghalih l-appellant ma kienx impjegat tal-Kumpanija izda kien biss sekondat bhala apprentist mill-*Institute of Tourism Studies* taht skema ta' tahrig u kien jithallas mill-Gvern .

It-Tribunal huwa sodisfatt li kien hemm nuqqas ta' xoghol sostanzjali u htiega li jonqos in-numru ta' l-impjegati. Kellu izda jiddeciedi jekk kienx l-impieg ta' l-appellant li kellu jigi terminat jew ta' haddiehor skond il-principju ta' *last in first out* li ghandu jigi applikat skond il-**klassi** ta' l-impjegati nvoluti.

It-Tribunal, biex ikun zgur li kkonsidra ic-cirkostanzi kollha gab, mill-ETC, l-*employment history* taz-zewg haddiema. Jirrezulta minn dawn li fl-ahhar ghaxar snin t-tnejn hadmu bhala *cook (chef)* u bhala *pastry chef* (dulcier). Jirrezulta ukoll li ghalkemm Manwel Calleja kien gie ngaggat biex jaghmel il-helu gie registrat bhala (*cook*) u din id-diskrizzjoni baqghet hekk ma l-ETC. It-Tribunal hu tal-fehma li f'dan il-kaz, fejn hemm htiega li lukanda tnaqqas l-impjegati, inkluz koki, logikament wiehed ghandu jikkonsidra l-haddiema f'din il-**klassi**. Irid jezamina kif gew impjegati, min minnhom hu kompetenti biex jaghmel ix-xoghol li se jibqa rikjest u t-tul ta' l-impieg taghhom mal-Kumpanija.

F'dan il-kaz partikolari jirrezulta li kemm l-appellant kif ukoll Manwel Calleja kienu gew impjegati biex jaghmlu l-helu izda gew registrati ma l-ETC bhala *pastry cook* u *cook* rispettivament u t-tnejn kienu hadmu qabel f'azjendi ohra f'helu u tisjir. It-tnejn kienu gew ngaggati biex jaghmlu l-helu u t-tnejn kienu kompetenti f'dan il-mestier. F'kaz ta' *redundancy*, fejn irid jigi applikat il-principju ta' *last in first out*, il-fatt li l-kumpanija ghal xi zmien uzat lil Manwel Calleja skond il-htiegijiet taghha f'xi rwol iehor, mghandux jipprekludih milli jigi kunsidrat ghall-post li ghalih kien gie mpjegat u li kien kompetenti fih. Ghahekk la kellu jonqos wiehed minnhom kellu jkun dak li dahal l-ahhar.

It-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija kellha raguni tajba u sufficienti skond il-ligi biex tittermina l-impieg ta' l-appellant.

Ma kienx possibbli li t-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fiz-zmien stabbilit fil-ligi minhabba differimenti mill-appellant u nuqqas ta' facilitajiet.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali Numru 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' E 93 (tlieta w disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Ghas-Segretarju**